<u>**IL-PJAN TAL-LEZZJONI 1.7**</u>

## Kap 1: Il-pjaċir ta' flimkien!

## Lezzjoni 1.7: Naqsam miegħek dak li għandi.

### L-Għanijiet:

### L-istudenti:

1. Jelenkaw il-kwalitajiet l-aktar importanti li dehru fl-Appostli wara din il-ġrajja.
2. Jiffukaw l-aktar fuq *sharing* u l-onestà bejniethom.
3. Jagħrfu kif jistgħu dawn il-kwalitajiet ikunu tagħhom u jaqsmuhom mal-oħrajn.




### Ir-riżorsi għal-lezzjoni:

- L-interactive White board

- Powerpoint 1

- Karta ta' taħriġ 1.7



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ibda l-lezzjoni billi turi stampi ta' ħafna jdejn u ħafna nies flimkien (powerpoint 1).
- Staqsi lill-istudenti biex josservaw id-differenzi ta' bejniethom : il-kulur tal-ġilda, id-dehra tal-wiċċ, l-ilbies, il-lingwa, l-ikel, ix-xogħol.
- Spjega li fid-dinja hawn ħafna nies differenti. Kulma rridu nagħmlu hu li naqsmu ma' xulxin dak li għandna.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)



1. Spjega li rajna d-differenzi bejn in-nies. Iżda se nsibu affarijiet li jgħaqqduna u b'hekk nixbhu lil xulxin.
2. Staqsi :
   a. Lil dawn in-nies nixbhuhom f'xi affarijiet?
   b. Xi tħossu meta tkunu morda?
   c. Xi tħossu meta tkunu waħedkom?
   d. X'taħsbu li se jħossu dawn it-tfal?
   e. Tixtiequ li jkollkom il-ħbieb u tkunu ferħanin?
3. Fisser li fl-affarijiet importanti aħna lkoll nixxiebhu. Fisser li ngħixu fejn ngħixu, aħna lkoll l-istess f'dakm li nħossu, f'dak li nixtiequ u f'dak li kapaċi nagħmlu.
4. Spjega li Ġesu` qabel ma ħalla lill-Appostli qalilhom (uri Slide mill-powerpoint) u l-Appostli hekk għamlu.

.

5. Staqsi : Kif kienu jħossuhom l-Appostli mingħajr Ġesù? X'kellhom bżonn? Kif inbidlu wara li rċevew l-Ispirtu s-Santu?
6. Spjega li l-appostli ġabru ħafna nies flimkien. Anke aħna nistgħu nagħmlu ħafna affarijiet biex ikun hemm iktar għaqda bejn in-nies.
7. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 1.7 u wara li tispjega s-silta mogħtija, stieden lit-tfal b'mod individwali jaħsbu fuq Attivita` 1.
8. Stieden lit-tfal biex jaqsmu ma' xulxin dak li jkunu ħasbu u kitbu.
9. Aqra u spjega l-istorja f'Attività 2 u fuq bażi ta' klassi ħalli t-tfal ddiskuti l-mistoqsijiet marbuta mal-istorja.
10. Asal għal Attività 3. Oħloq diskussjoni dwar il-bżonn ta' qalb tajba.
11. Agħlaq billi tistieden lit-tfal jagħmlu t-talba tagħhom.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Aħna nistgħu nagħmlu ħafna affarijiet biex ikun hemm l-għaqda bejnietna.




2. Inġibu ruħna tajjeb ma' kulħadd u nagħtu eżempju tajjeb lil ħaddieħor.
3. Meta jkolli qalbi tajba nkun nista' naqsam li jkolli mal-oħrajn.

**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**

It-tfal juru li hu pjaċir kbir għalihom li jaqdu lill-oħrajn.

It-tfal juru li japprezzaw it-tagħlim li jgħinhom isiru persuni aħjar.



**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**



**Nitolbu**

Kompli t-talba li hemm fil-ktieb, b'mod spontanja mat-tfal.



Tista' wkoll titlob mat-tfal:

Spirtu s-Santu, dawlilna moħħna biex imexxina biex bħala tfal naqdu lill-oħrajn u napprezzaw it-tagħlim biex inkunu persuni aħjar. Ammen.